**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Dicembru, 2021**

**Talba Nru: 12/2021MD**

**Lift Services Limited (C5543)**

**Vs**

**Velocity Malta Trading Limited (C81859)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Jannar, 2021 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' tlett elef, mitejn u erba' Euro u tmienja u tletin centezimu (€3,204.38) dovut rappresentanti l-bilanc rimanenti ghal-hlas ta' lift installat u ccertifikat mis-socjeta' attrici lill-istess socjeta' konvenuta ; bl-imghaxijiet mid-data ta' meta l-ammont sar dovut sad-data tal-effettiv pagament; bl-ispejjez, inkluz l-ittra ufficjali intavolata.

Ra d-dokumenti ezebieti inkluz l-*invoices* datati 27 ta' Marzu, 2018 annessi mal-istess avviz.

Ra li s-socjeta' konvenuta giet ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tat-30 ta' Settembru, 2021, tat-30 ta' Novembru, 2021 u lanqas ghas-seduta tal-lum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-30 ta' Novembru, 2021 u fil-fatt is-socjeta' konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi ghalih.

Ra li s-socjeta' attrici pprezentat affidavit fejn ikkonfermat illi l-ammont ghadu dovut u s-socjeta' konvenuta regghet ma dehritx.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mill-*invoices* annessi mal-istess avviz li jindika il-bilanc dovut ghal-liftijiet li gew installati ghall-prezz bilancjali tas-somma mitluba kif ukoll mill-affidavit tad-Direttur Manigerjali, Matthew Farrugia. Fir-rigward tal-ispejjez gudizzjarji dawn ghandhom jigu sofferti mill-konvenut flimkien mal-imghaxijiet legali fuq is-somma mitluba mis-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 2018, data li fiha skont tali *invoices* jirrizulta li ghadu dovut mis-socjeta' konvenuta u meta allura s-somma mitluba permezz tal-kawza odjerna giet likwidata u rrizultat bhala dovuta, sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u kwindi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef, mitejn u erba' Euro u tmienja u tletin centezimu (€3,204.38) rapprezentanti prezz bilancjali rimanenti ta' hlas ta' lift installat u ccertifikat mis-socjeta` attrici lis-socjeta' konvenuta fuq struzzjonijiet taghha , bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghaxijiet legali sa mis-26 ta' April, 2018 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**